MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2013

Numru. 538/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**Vs**

**Idris Said Mohamed**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ Idris Said Mohamed, iben Said u Ayan Aman, ta' nazzjonalità Somala, imwieled is-Somalia fl-24 ta' Jannar 1986, residenti fic-Centru Miftuh Hal Far u detentur ta’ numru moghti mill-Pulizija 12Q-078, talli:

1. Fil-31 ta' Mejju 2013 u fil-jiem ta' qabel f’dawn il-Gzejjer meta kellu fil-pussess tieghu passaport, mahrug minn awtorità kompetenti, cioè Passaport Malti ghall-

Istrangier, mahrug f’ isem Hassan Mahamed Sheik, ittrasferixxa dan id-dokument lil persuna ohra jew ircieva dokument li gie ittrasferit lilu minn persuna ohra (Kap 61, Sec 3 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamnel uzu jew ittanta jaghmel uzu minn Passaport mahrug lil persuna ohra, cioè dak digà imsemmi (Artikolu 4 tal-Kap 61, tal-Ligijiet ta' Malta); u

3. Atkar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ta prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta' 1-Immigrazzjoni (Art 32(l) (c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta);

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u b’mod partikolari l-fedina penali ta’ l-imputat markata Dok. “DB1” u rat l-atti l-ohra kollha ta’ dan il-kaz;

Semghet lill-imputat jammetti ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana minkejja il-fatt li din il-Qorti, a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena u nnotat li entrambe ddikjaraw li fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz il-piena idoneja tkun wahda karcerarja sospiza ai termini tal-Ligi;

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl ta’ l-ammissjoni ta’ l-imputat ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu, il-Qorti issib lill-istess imputat hati ta’ l-akkuzi kollha dedotti kontrih.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi li wasslu lill-imputat biex wettaq ir-reati in kwistjoni, il-fatt li l-imputat ikkoopera mal-Pulizija u li ghandu fedina penali netta, il-fatt li rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u l-fatt li l-Prosekuzzjoni u d-

Difiza qablu li fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz – senjatament li l-familjari ta’ l-imputat bhalissa ghaddejjin minn problemi finanzjarji gravi u ghalhekk ried isib opportunita’ ta’ xoghol barra minn Malta sabiex ikun jista’ jiffinanzjahom – il-piena idoneja tkun wahda karcerarja sospiza ai termini tal-Ligi. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li t-tieni akkuza hija alternattiva ghat-tielet akkuza.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 3 u Artikolu 4 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 17(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li ttenni li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah ghal perijodu ta’ sena (1) prigunerija izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi hemm lok li tinghata sentenza sospiza a tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tissospendi t-terminu ta’ sena (1) xhur prigunerija ghal sena (1) b’effett mid-data ta’ din is-sentenza.

A tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

Il-Qorti tordna li ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-proceduri u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------